**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Seduta mizmuma llum 12 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru: 82/20 RM**

**Mapfre Middlesea p.l.c (C-5553)**

**Vs**

**Warren Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Gunju 2020 fejn talbet lil din il-Qorti tikkudanna lil konvenut ihallas lilha s-somma ta' sebat elef sitt mija, ewro u seba' u disghin centezmu (€7601.97) rifuzjoni tal-ammonti sborsati mis-socjeta` esponenti lil Francis Portelli, u l-ammont ta' mitejn u tnejn u tmenin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€282.81) spejjez inkorsi mis-socjeta` esponenti in konnessjoni mal-intervent taghha skond il-ligi fil-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju istitwiti mill-istess Francis Portelli fl-ismijiet Francis Portelli vs Warren Bartolo et [M4843/2016 – decizi nhar is-27 ta' Frar 2020], li permezz taghhom l-intimat Warren Bartolo gie dikjarat unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh nhar il-31 ta' Lulju 2016 gewwa Triq San Bartolomew, Qormi, u s-socjeta` esponenti kienet obbligata li thallas favur it-terz Francis Portelli s-somma msemmija ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, liema rifuzjoni qed tintalab mill-intimat galadarba

l-intimat agixxa bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni, emessa mis-socjeta` esponenti, dwar il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CLV 888 u tal-Ligi, meta l-intimat saq il-vettura msemmija taht l-influwenza tal-alcohol u ghalhekk is-socjeta` esponenti hija intitolata li tirkupra minghand l-intimat l-ammont imsemmi. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Ottubru 2016 u tal-ittra legali datata 17 ta' Marzu 2020, u bl-imghaxijiet legali minn meta l-esponenti erogat lesbors lit-terz sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-intimat, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Warren Bartolo fejn jesponi bir-rispett;

Illi t-talbiet tas-soċjeta attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta rikorrenti.

Illi b'sentenza deċiża fit- 30 ta' Marzu 2017 l-esponenti ġie lliberat minn kull ħtija u piena mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) stante li ma kienx hemm biżżejjed provi fil-konfront tiegħu.

Illi għalhekk kuntrarjament għal dak premess mis-soċjeta rikorrenti ċertament ma jeżistux ebda provi li l-esponent kien taħt l-effett tal-alkohol u li għalhekk hija ma tistax titlob r-rifużżjoni tad-danni stante li huwa kien debitament assikurat taħt polza tat-tip "Third Party Responsibility" u kwindi l-assikurazzjoni kienet obbligata tagħmel tajjeb għall-ħsarat risultanti.

Illi sija fis-smigħ tal-kawża Kriminali (deċiż 30.3.2017) u sija fil-mori tal-Arbitraġġ fl-ismijiet Francis Portelli vs Warren Bartolo (M 4843/ 2016) deċiż 27.02.2020 ma hemm ebda prova li permezz tagħha tista' tikkonferma dak minnha allegat u wisq anqas li tittenta tiskwalifika l-obbligi taħt il-polza tal-assikurazzjoni li kienet valida għal kull effett li trid il-liġi.

Għaldaqstant s-soċjeta rikorrenti ma tistax titlob rimbors kif pretiż fir-rikors odjern.

Bl-ispejjes kollha tal-ittra uffiċjali u tal-proċeduri odjerni.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha ;

Rat illi l-konvenut minkejja li ngħata d-debita opportunita', baqa' ma ressaq l-ebda prova;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza in difett ta' ostakolu u rat ukoll illi ma hemm l-ebda impediment sabiex s-sentenza tingħata llum stess;

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta` attrici qiegħda titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas somma determinata ta' flus in línea ta' rimbors tal-ammont li hija ġiet kostretta tħallas biex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta bhala assiguratriċi tal-vettura CLV-888 in segwitu għal-*lodo* arbitrali mogħti fis-27 ta' Frar 2020 fil-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju fl-ismijiet *Francis Portelli v. Warren Bartolo* [M4843/2016]. Titlob ukoll ir-rimbors tal-ammont li hija ħallset in konnessjoni mal-intervent tagħha fl-imsemmija proċeduri ta' Arbitraġġ Mandatorju.

Illi l-fatti li joħorġu minn eżami tal-provi u tal-atti proċesswali, huma dawn:-

- Illi s-soċjeta` attriċi ħarġet polza ta' assigurazzjoni fuq bazi *third party fire only* fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CLV-888[1] proprjeta` tal-

[1] Ara Dok. PA1 "Certificate of Motor Insurance", fol. 136 u Dok. PA2 "Motor Insurance Policy", fol. 137 *et seq.*

konvenut Warren Bartolo[2], b'perijodu ta' validita` mill-1 ta' April 2016 sal-31 ta' Marzu 2017;

- Illi fil-31 ta' Lulju 2016, ċioe` fil-perijodu li fih il-vettura in kwistjoni kienet koperta bil-polza ta' assigurazzjoni maħruga mis-socjeta` attrici, il-vettura CLV-888 misjuqa mill-konvenut Warren Bartolo kienet involuta f'inċident stradali mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ACA-813 ta' ċertu Francis Portelli, ġewwa Triq San Bartilmew, Ħal Qormi;

- Illi fl-24 ta' Ottubru 2016 is-soċjeta' attriċi bagħtet ittra uffiċjali lil Warren Bartolo[3] fejn għarrfitu li hija għandha biżżejjed evidenza fil-pussess tagħha li meta seħħ l-inċidenti stradali fil-31 ta' Lulju 2016 mal-vettura ACA-813, huwa kien qed isuq il-vettura CLV-888 taħt l-influwenza tal-alkoħol bi ksur tal-kundizzjonijiet fil-polza tal-assigurazzjoni. Għarrfitu wkoll li f'każ li tkun obbligata tħallas xi danni lil terzi in konnessjoni mal-istess inċident, sejra tesiġi mingħandu r-rifużjoni sħiħa tal-ammont li jiġi minnha sborsat;

- Illi b'digriet tal-arbitru mogħti fil-25 ta' Settembru 2017, is-soċjeta' attriċi ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis* fil-proceduri ta' Arbitragg Mandatorju [M4843/2016] fl-ismijiet *Francis Portelli v. Warren Bartolo*, liema proċeduri ġew istitwiti in konnessjoni mal-inċident awtomobilistiku tal-31 ta' Lulju 2016. F'dawk il-proċeduri hija sostniet illi meta seħħ dan l-inċident, Warren Bartolo ma kienx xufier assigurat taħt il-polza tal-assigurazzjoni minnha maħruġ għaliex huwa kien qed isuq il-vettura CLV-888 taħt l-influwenza tal-alkoħol;

- Is-soċjeta' attriċi invokat il-klawsola (i)(f) tas-sezzjoni Motor Insurance Policy intestata "General Exclusions". Din il-klawsola tistipola: "*We shall not be liable in respect of: (i) Any accident, injury, loss, damage or liability occurring*

[2] Ara Full Road Traffic Accident Report, Dok. PS, fol. 99 *et seq*.
[3] Dok. E, fol. 155.

*while **your vehicle** insured by this **Policy** is: ... (f) driven by any person who at the time of driving is under the influence of alcohol or drugs other than drugs taken in proper medical advice and not for the treatment of drug addiction.*"

- Illi permezz ta' *lodo* arbitrali moghti fis-27 ta' Frar 2020 fl-imsemmija proceduri arbitrali, ġie deċiż illi Warren Bartolo, il-konvenut odjern, kien unikament responsabbli għall-inċident stradali tal-31 ta' Lulju 2016 u ġie kundannat iħallas lil Francis Portelli danni li ġew likwidati fis-somma ta' €4,800 bl-"*imgħax skond il-liġi mid-9 ta' Settembru 2019 (data tal-ittra uffiċjali) sal-jum tal-pagament effettiv*" u "*l-ispejjez ta' dana l-Arbitraġġ u dawk l-oħra mitluba mir-Rikorrent. Bla preġudizzju ta' (sic.) kull dritt spettanti lil Mapfre Middlesea Insurance plc intervenuti f'din il-kawża għar-raġuni minnhom dikjarata.*"

- Illi s-soċjeta attriċi ħallset is-somma komplessiva ta' €7,319.16 rappreżentanti l-ammont dovut lil Francis Portelli, it-terz danneġġjat, bis-saħħa tad-deċiżjoni arbitrali tas-27 ta' Frar 2020, lill-avukat tal-istess Francis Portelli permezz ta' *cheque* datat 12 ta' Marzu 2020[4];

- Illi permezz ta' ittra legali datata 17 ta' Marzu 2020[5], is-soċjeta` attriċi interpellat lill-konvenut iħallasha d-danni, imgħax u spejjeż li hija ser tiġi kostretta li tħallas in segwitu għad-deċiżjoni arbitrali u għarrfitu li hija sejra tipproċedi li tħallas is-somma dovuta lit-terz danneġġjat hekk kif tiġi interpellata tagħmel dan[6].

Ikkunsidrat;

---

[4] Dok. F, fol. 156. Dan ic-cheque ġie effettivament imsarraf fil-15 ta' Marzu 2020, ara xhieda Joanna Bartolo, fol. 163.

[5] Dok. G, fol. 157.

[6] Il-Qorti tosserva illi fid-data li ntbagħtet din l-ittra interpellatorja, is-soċjeta' attriċi kienet diġa' effettivament ħallset is-somma ta' €7,319.16 lill-avukat ta' Francis Portelli, permezz ta' cheque datat 12 ta' Marzu 2020.

Illi s-soċjeta` attriċi tibbaża t-talba tagħha għall-ħlas tas-somma reklamata f'din il-kawza, fuq l-asserzjoni li l-assikurat tagħha, il-konvenut Warren Bartolo, mexa bi ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-polza li hija ħarġet għall-kopertura assikurattiva tal-vettura CLV-888 għaliex huwa kien, allegatament, qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol meta kien involut fl-inċident awtomobilistiku mal-vettura ACA-813 fil-31 ta' Lulju 2016. Tikkontendi illi għalkemm, biex twettaq l-obbligi legali tagħha taħt l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta bħala l-assiguratur taħt il-polza, hija kienet kostretta tħallas lit-terz danneġġjat id-danni sofferti minnu bħala riżultat tal-imsemmi incident skont kif ġie deċiż mil-*lodo* arbitrali tas-27 ta' Frar 2020, hija f'kull każ awtorizzata skont it-termini tal-polza li ma tagħtix kopertura assikurattiva lill-vettura CLV-888 u konsegwentement għandha dritt tesiġi r-rifuzjoni ta' din is-somma mingħand il-konvenut.

Il-konvenut jilqa' għall-azzjoni billi jiċħad id-dritt tas-soċjeta' attriċi li titlob ir-rifużjoni tal-ammont imħallas lit-terz taħt il-polza tal-assigurazzjoni u jiċħad ukoll li huwa kien taħt l-effett tal-alkoħol. Huwa jikkontendi li ma teżisti l-ebda prova dwar dan, tant illi huwa ġie liberat fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu b'rabta mal-inċident stradali tal-31 ta' Lulju 2016 minħabba nuqqas ta' provi.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi in tema ta' assikurazzjoni, huwa prinċipju assodat li r-responsabilita` għar-riżarċiment ta' danni mħallsa mill-assiguratur lil terzi in adempjenza tal-obbligi legali taħt il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex relatata mar-responsabbilità għall-event dannuż li ta lok għad-danni iżda tali obbligu jitwieled minn inadempjenza kontrattwali da parti tal-assikurat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et**[7], il-Qorti osservat illi r-responsabbilita` għar-riżarċiment ta' danni mħallsa mill-assikurazzjoni a termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-obbligu tar-radd lura ta' ammonti mħallsa mill-assikurazzjoni lil terzi,

[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2005.

jitwieldu minn inadempjenza kontrattwali tal-assikurat li jkun intrabat mal-assikuratur li jwettaq l-obbligi naxxenti mill-kondizzjonijiet tal-polza[8].

Mill-atti jirriżulta li fil-mori tal-proċeduri ta' Arbitraġġ Mandatorju M4843/2016 dwar l-inċident stradali li seħħ fil-31 ta' Lulju 2016 fil-5.30 a.m., ġie mressaq bħala xhud PS 274 James Turner li xehed[9] illi Warren Bartolo irriżulta li kien pożittiv għal alkoħol u esebixxa r-rapport tal-okkorrenza minnu redatt, flimkien mar-riżultat tal-analiżi tal-kampjun tan-nifs li ttieħed mill-istess Warren Bartolo liema kampjun jirriżulta li kien ittieħed fil-ħin tas-6.00 a.m fil-31 ta' Lulju 2016[10]. Minn eżami ta' dan ir-rapport jirriżulta illi PS 274 James Turner irrapporta hekk :- « ... *ittieħed kampjun tan-nifs lix-xufier Warren Bartolo (id. 578581m), fejn irriżulta pożittiv għal 57.7ug/100ml. Kampjun li ttieħed minn breathalyser serie number 862384, record number 00035, liema riċevuti ġew iffirmati minn Warren Bartolo.*"

L-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk :-

"*Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.*"

Imbagħad, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15I(1)(a)(i) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni fl-2016, jipprovdu li l-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs ta' persuna li jsuq vettura bil-mutur ikun iżjed mil-limitu preskritt meta l-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs tiegħu jeċċedi 35 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs[11]. Issa fil-każ tal-konvenut Warren

[8] Ara wkoll: **GasanMamo Insurance Limited v. Mario Seguna et** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9.3.2016.
[9] Ara fol. 56.
[10] Ara Dok. PS, fol. 108. Dan jifforma parti mill-inkartament tal-Arbitraġġ Mandatorju M4843/2016 esebit bħala Dok. NA mill-Uffiċjal Amministrattiv fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta, Nathalie Agius, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021.
[11] Dan il-limitu ġie sussegwentement ridott għal 22*ug* ta' alkoħol f'100 millitru ta' nifs permezz tal-Att XIV tal-2017.

Bartolo, jirriżulta mill-provi miġjuba mis-soċjeta' attriċi li l-proporzjoni tal-alkoħol fin-nifs tiegħu biss nofs siegħa wara l-kolliżżjoni mal-vettura ta' Francis Portelli, kienet teċċedi abbondantement il-limitu preskritt mil-liġi.

Il-konvenut, filwaqt li ddikjara permezz tal-abbli avukat tiegħu fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021 li ma jeħtieġx li jerġa' jitressaq bħala xhud lil PS 274 James Turner biex issir il-prova li kienet diġa' saret permezz tal-istess xhud fl-atti tal-arbitraġġ M4843/2016, baqa' ma ressaq l-ebda prova quddiem din il-Qorti biex jikkontesta dak li jirriżulta mill-atti tal-arbitraġġ u biex jirribatti l-prova li effettivament, meta seħħet il-ħabta mal-vettura ACA-813 fil-31 ta' Lulju 2016, huwa kien qed isuq il-vettura CLV-888 bi proporzjoni ta' alkoħol fin-nifs tiegħu ta' 57.7*ug*/100ml li, kif rajna, teċċedi l-limitu preskritt mil-liġi.

Għalkemm hu minnu li minn eżami tal-atti tal-arbitraġġ jirriżulta li l-konvenut, permezz ta' sentenza mogħtija mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fit-30 ta' Marzu 2017 fil-proċeduri fl-ismijiet "*Il-Pulizija v. Warren Bartolo*", ġie liberat *inter alia* mill-akkuża li fil-5.30 a.m. fil-31 ta' Lulju 2016 huwa saq il-vettura CLV-888 ġewwa Ħal Qormi waqt li kien ikkonsma tant alkoħol li l-proporzjoni tiegħu fin-nifs kien iżjed mil-limitu preskritt mil-liġi, għall-Qorti din id-deċiżjoni ma tnaqqas xejn mis-saħħa probatorja tal-prova li ressqet is-soċjeta' attriċi permezz tax-xhieda ta' PS 274 James Turner u d-dokumenti minnu prodotti. Il-fatt li l-konvenut ma nstabx ħati tar-reat kriminali taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku ma jfissirx li hu eskluż li jista' jiġi ppruvat f'proċeduri ċivili dwar l-istess akkadut li huwa kien qiegħed effettivament isuq il-vettura tiegħu taħt l-influwenza tal-alkoħol. Wara kollox, huwa prinċipju bażilari tal-ordinament ġuridiku tagħna li l-azzjoni krimninali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra[12] u kif inhu wkoll risaput, il-grad tal-prova li jenħtieġ jintlaħaq għas-sejbien ta' ħtija kriminali, ċioe' l-konvinċiment morali dwar il-ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, huwa ferm iktar għoli mill-grad

[12] Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali.

tal-prova meħtieġ għas-suċċess fil-kamp ċivili, ċioe' dak tal-preponderanza tal-provi fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.

Il-Qorti wara li qieset ix-xhieda ta' PS 274 James Turner u rat id-dokument kontenenti r-riżultat tal-analiżi tal-kampjun tan-nifs li ttieħed minn Warren Bartolo fis-6.00 a.m. tal-31 ta' Lulju 2016, debitament iffirmat minnu, u wara li kkunsidrat illi l-konvenut dikjaratament eżenta lis-soċjeta' attriċi milli tressaq provi addizzjonali b'żieda max-xhieda tal-imsemmi PS 274 James Turner u d-dokumenti minnu esebiti fl-atti tal-Arbitraġġ, ma ressaqx provi kontradittorji, baqa' ma kkontestax l-awtenċita' tad-dokument esebit u baqa' ma ċaħadx li l-firma li tidher fuqu hija tiegħu, tqis illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet is-soċjeta' attriċi ressqet prova sodisfaċjenti li meta seħħet il-ħabta mal-vettura ACA-813 fil-31 ta' Lulju 2016, il-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura CLV-888 meta kellu fin-nifs tiegħu proporzjoni ta' alkoħol li teċċedi l-limitu preskritt mil-liġi dak iż-żmien. Stabbilit dan, għall-Qorti il-korollarju ta' dan huwa *res ipsa loquitur* li l-konvenut kien, f'dak il-waqt, qed isuq il-vettura tiegħu meta kien taħt l-influwenza tax-xorb.

Abbazi ta' din il-prova, is-soċjeta` attriċi tikkontendi illi l-assikurat taghha mexa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza. Il-Qorti taqbel. Il-patt konvenzjonali konkluż bejn is-soċjeta' attriċi u l-assikurat tagħha, li abbazi tiegħu nħarġet il-polza tal-assigurazzjoni, jesiġi li biex is-soċjeta' attriċi tkun obbligata tħallas taħt il-polza għal xi ħsara li tiġi kkaġunata mill-vettura minnha assigurata, il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, ma tkunx taħt l-influwenza *inter alia,* tal-alkoħol.

Kif ġie appena stabbilit, mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien jinsab effettivament taħt l-influwenza tal-alkoħol meta li kien involut fil-kolliżjoni mal-vettura ACA-813 fil-31 ta' Lulju 2016 f'Ħal Qormi u waqt li kienet fis-seħħ il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' attriċi. Konformement, huwa riskontrabbli l-istat ta' fatt maħsub fil-paragrafu (i)(f) f'paġna 17 tal-polza tal-assigurazzjoni, liema stat ta' fatt jagħti l-jedd lis-soċjeta` attriċi tagħżel li tirrifjuta tindenniza lill-assikurat tagħha taħt l-istess polza għad-danni kkaġonati lit-terz fl-imsemmi inċident awtomobilistiku.

Għalkemm bħala l-assiguratur ikkonċernat għall-fini tal-Kap. 104, ma setghetx legalment tevita l-obbligu tagħha tal-ħlas *vis-à-vis* it-terz danneġġjat in segwitu għal-*lodo* arbitrali tas-27 ta' Frar 2020, il-Qorti tqis illi s-soċjeta` attriċi hija ġustifikata taġixxi b'rivalsa kontra l-assigurat tagħha l-konvenut Warren Bartolo għar-rifuzjoni tal-ammont li ġiet kostretta tħallas taħt il-polza in linea ta' danni sofferti bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku in diżamina u dan stante illi jirriżulta illi effettivament, huwa aġixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-ħruġ tal-istess polza meta saq il-vettura CLV-888 meta kien taħt l-influwenza tax-xorb alkoħoliku.

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti tal-proceduri tal-arbitragg bin-numru M4843/2016, jirrizulta illi l-konvenut ġie kkundannat iħallas lil Francis Portelli is-somma ta' €4,800 pju' imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Settembru 2019 u l-ispejjeż mitluba minnu. Sussegwentement, is-soċjeta` attriċi ħallset lill-avukat ta' Francis Portelli s-somma ta' €7,319.16 u fir-Rikors promotur qiegħda tirreklama r-rimbors ta' din is-somma mingħand il-konvenut.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li s-sorte aġġudikat bħala dovut lil Francis Portelli huwa fis-somma ta' €4,800, is-soċjeta' attriċi ma ressqet fl-atti l-ebda rendikont jew prospett li tfisser liema parti mis-somma imħallsa u reklamata minnha, tirrappreżenta imgħax u liema parti tirrappreżenta l-ispejjeż. Iżda wara li rat l-atti, senjatament it-taxxa tal-ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, il-Qorti fehmet illi l-ispejjeż u drittijiet intaxxati favur ir-rikorrent Francis Portelli jammontaw għas-somma komplessiva ta' €1,132.95, inkluż l-ispejjeż taż-żewġ ittri uffiċjali li ġew mitluba mill-istess rikorrenti u akkordati lilu fil-*lodo* arbitrali, filwaqt li s-somma ta' €50.10 tirrappreżenta taxxa fuq il-valur miżjud fuq id-drittijiet tal-avukat, b'total ta' €5,983.05.

Id-differenza, evidentement, tirrappreżenta l-imgħaxijiet li, skont id-deċiżjoni tal-Arbitru, kellhom jiddekorru sa mid-data tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Settembru 2019. Madanakollu għall-Qorti hu evidenti li din id-data hi ħażina u s-sena 2019 ġiet indikata bi żball għaliex effettivament, l-ittra uffiċjali li ġiet indikata mir-rikorrent Francis Portelli fl-Avviż tal-Arbitraġġ[13] hija dik li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Settembru 2016. Iżda anke dan huwa żbaljat għaliex effettivament, mill-kopja esebita fl-atti ta' ittra uffiċjali b'interpellazzjoni għall-ħlas li ġiet ippreżentata minn Francis Portelli, jirriżulta li din ġiet ippreżentata fil-5 ta' Settembru 2016 u mhux fid-9 ta' Settembru 2016[14]. Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi kkalkulat tajjeb l-imgħax dovut għaliex meta dan jiġi komputat fuq is-somma ta' €4,800 mid-9 ta' Settembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv fit-12 ta' Marzu 2020, l-ammont riżultanti fis-somma ta' €1,344[15], huwa effettivament id-differenza bejn is-somma mħallsa ta' €7,319.16 u t-total tas-sorte u l-ispejjeż aġġudikati fid-deċiżjoni arbitrali.

Fir-Rikors promotur, is-soċjeta' attriċi titlob ukoll il-ħlas tas-somma ta' €282.80 rappreżentanti l-ispejjeż minnha inkorsi minħabba l-intervent tagħha fil-proċeduri tal-Arbitraġġ Mandatarju M4843/2016. Mit-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, jirriżulta li l-ispejjeż tagħha ġew intaxxati fil-kolonna "*Intimat*" fis-somma ta' €241.09, bid-differenza tirrappreżenta VAT fuq id-drittijiet legali[16]. Il-Qorti tosserva illi fid-deċiżjoni arbitrali tas-27 ta' Frar 2020, il-konvenut odjern ġie kkundannat iħallas *inter alia* "*l-ispejjez ta' dana l-Arbitraġġ*" b'mod ġenerali mingħajr ma ġie speċifikat jekk l-ispejjeż humiex biss dawk tar-rikorrent jew jekk jinkludux ukoll l-ispejjeż tal-intervenut fil-proċeduri. Għall-Qorti, dan ifisser illi l-konvenut ġie kundannat l-ispejjeż **kollha** tal-Arbitraġġ fosthom għalhekk l-ispejjeż li ġew intaxxati miċ-Ċentru wkoll favur is-soċjeta' attriċi odjerna

---

[13] Ara fol 16.

[14] Dok. A, fol. 151. Din l-indikazzjoni ħażina jirriżulta li setgħet nibtet minħabba t-timbru fuqha bis-segwenti kliem : « *Received by Mapfre Middlesea plc 09 Sep 2016* »

[15] Il-Qorti qieset ukoll li ma kien hemm l-ebda dewmien fil-pagament da parti tas-soċjeta' attriċi lil Francis Portelli. Dan hu relevanti minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 15 tal-Kap. 104 fis-subartikoli (4) u (5), fejn jinsab stipolat li f'dawk il-kazijiet fejn l-assiguratur awtorizzat ikollu dritt li jirkupra spejjez u imghax minghand l-assikurat li ma jkunx qabel li jsir il-hlas tat-talba ghad-danni mit-terz danneggjat, "*l-assiguratur awtorizzat ikollu biss jedd jirkupra dawk l-ispejjeż u mgħax li jintefqu waqt il-proċedimenti li jwasslu għas-sentenza finali u dan fi proporzjon għar-responsabbiltà tal-persuna assigurata skont ma jiġi stabbilit mis-sentenza finali.*"

[16] €41.72.

b'rabta mal-intervent tagħha f'dawk il-proċeduri. Konformement, is-soċjeta' attriċi għandha dritt li tiġbor mingħand il-konvenut il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż għalkemm għandu jingħad, illi hija setgħet tipproċedi biex tenforza l-ħlas bil-ħruġ ta' mandati eżekuttivi in vista tal-fatt illi it-taxxa tal-ispejjeż jikkostitwixxi titolu ezekuttiv għall-fini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat finalment;

Illi s-soċjeta' attriċi titlob il-ħlas tal-imgħax fuq is-somma reklamata minn fir-Rikros promotur "*minn meta l-esponenti erogat lesbors* (*sic.*) *lit-terz sad-data tal-effettiv pagament*". Il-Qorti iżda tqis illi dan mhux korrett. L-obbligazzjoni in diżamina hija waħda prettament ta' natura ċivili u mhux kummerċjali. L-atti tal-kummerċ huma biss dawk li jinsabu elenkati fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u l-ħlas ta' danni mħallsin taħt polza tal-assigurazzjoni mhux wieħed minnhom. Għaldaqstant, isibu riskontru in materja ta' imgħaxijiet, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1141 tal-Kap. 16 li jistipola "... *imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni....*". Dan ifisser illi l-imgħax fuq is-somma sborsata mis-soċjeta' attriċi fit-12 ta' Marzu 2020 għandu jibda jgħaddi mhux minn dik id-data, iżda mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-konvenut għall-ħlas ta' dik is-somma.

Il-Qorti rat l-atti u riskontrat biss ittra legali u mhux interpellazzjoni ġudizzjarja, mibgħuta lill-konvenut bid-data tas-17 ta' Marzu 2020 iżda fi kwalsiasi każ, din l-interpellazzjoni ma saritx għar-rifużjoni ta' somma determinata iżda bi twissija lill-konvenut li hija sejra titlob ir-rimobrs mingħandu ta' kull somma li tiġi kosretta tħallas lil terzi in segwitu għad-deċiżjoni arbitrali tas-27 ta' Frar 2020. Jiġi osservat illi effettivament, l-ewwel interpellazzjoni għall-ħlas tas-somma li ġiet imħallsa mis-soċjeta' attriċi in linea ta' danni, spejjeż u imgħax kif deċiż fl-imsemmi *lodo* arbitrali,

saret permezz tal-preżentata tar-Rikors promotur f'din il-kawża fis-16 ta' Ġunju 2020, debitament notifikata lill-konvenut[17].

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lil WARREN BARTOLO iħallas lis-soċjeta' attriċi Mapfre Middlesea Insurance plc is-somma komplessiva ta' sebat elef sitt mija u Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€7,601.96) għar-ragunijiet imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur, 16 ta' Ġunju 2020 u bl-ispejjez mitluba fl-istess Rikors.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[17] Notifika bla data.